IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2021
COM(2021) 6 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt EU-CTC stabbilit permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni

ABBOZZ
DEĊIŻJONI Nru /2021 tal-Kumitat Konġunt EU-CTC stabbilit permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu
ta' …..2021
li temenda l-Appendiċijiet I u III ta' dik il-Konvenzjoni

IL-KUMITAT KONĠUNT EU-CTC

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(a) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-ittra (a) tal-Artikolu 15(3) tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu[1] ("il-Konvenzjoni"), il-Kumitat Konġunt stabbilit permezz ta' dik il-Konvenzjoni jrid jadotta, permezz ta' deċiżjoni, emendi għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

(2) L-Artikolu 311 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/2447[2], li jistabbilixxi t-talba għat-trasferiment tal-irkupru tad-dejn doganali ġie emendat[3]. Skont il-paragrafi (3) u (4) l-ġodda meta l-awtorità doganali ta' pajjiż involut f'operazzjoni ta' tranżitu tikseb evidenza li l-avvenimenti li wasslu għad-dejn ikunu ġraw fit-territorju tagħha, jenħtieġ li din l-awtorità titlob lill-pajjiż tat-tluq biex jittrasferilha r-responsabbiltà li tibda l-irkupru. Jenħtieġ li fi żmien ċertu perjodu l-pajjiż tat-tluq jikkonferma jekk jittrasferix il-kompetenza biex jinbeda l-irkupru lill-awtorità doganali li tagħmel it-talba. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 50 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li jirreplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 311 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447, jiġi emendat skont dan.

(3) L-Anness 72-04 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447, li jiddeskrivi proċedura tal-kontinwità tal-operat tat-tranżitu tal-Unjoni ġie emendat[4] u japplika b'seħħ mit-30 ta' Ġunju 2020. Skont il-punt 19.3 tal-Kapitolu III kif emendat, il-validità taċ-ċertifikati ta' garanzija komprensiva u taċ-ċertifikati ta' eżoneru mill-garanzija f'forma kartaċja previsti fl-Anness 72-04 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ġiet prorogata sabiex ikun hemm

[1] ĠU L 226, 13.8.1987, p.2

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1394 tal-10 ta' Settembru 2019 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar sorveljanza għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa u ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni (ĠU L 234, 11.9.2019, p. 1)

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/893 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 206, 30.06.2020, p. 8)

aktar flessibbiltà fil-proċedura tal-kontinwità tal-operat tat-tranżitu u biex jitnaqqsu l-formalitajiet u l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet doganali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 79 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni u l-Punt 19.3, il-Kapitolu III, l-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, li jirreplika l-Punt 19.3, il-Kapitolu III, il-Parti I, l-Anness 72-04 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi hawn fuq, jiġu emendati skont dan. Jenħtieġ li din l-emenda tapplika wkoll mit-30 ta' Ġunju 2020 biex tagħti kundizzjonijiet indaqs lill-garanti skont il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni u l-Konvenzjoni.

(4) Il-formoli għall-impenji mill-garanti huma stabbiliti fl-Annessi C1, C2, C4, C5 u C6 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni. Dawn il-formoli jelenkaw l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Konvenzjoni. Id-Deċiżjoni Nru 2/2018[5] tal-Kumitat Konġunt UE-CTC tħassar ir-referenzi għar-Renju Unit bħala Stat Membru tal-Unjoni u ddaħħal ir-referenza għar-Renju Unit bħala pajjiż ta' tranżitu komuni mid-data li fiha l-adeżjoni tar-Renju Unit bħala Parti Kontraenti separata ssir effettiva. Madankollu, barra minn hekk, bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq[6], għall-operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Irlanda ta' Fuq tiġi elenkata b'tali mod li jindika li kull garanzija li hija valida fl-Istati Membri tal-UE trid tkun valida wkoll fl-Irlanda ta' Fuq.

(5) Bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 471/2009[7], ġie introdott kodiċi ġdid "XI"[8] biex jiddistingwi lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Jenħtieġ li l-użu tal-kodiċijiet tal-pajjiżi definiti fl-Anness A2 u fl-Anness B1 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni jiġi emendat skont dan.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-kodiċi l-ġdid "XI", jenħtieġ li l-indikazzjonijiet kollha fil-Konvenzjoni relatati mal-użu tal-kodiċijiet tal-pajjiżi jkunu jirreferu għall-Anness A2 jew għall-Anness B1 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni.

(7) Id-Deċiżjoni Nru 2/2018 tal-Kumitat Konġunt UE-CTC tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 wara li d-Deċiżjoni Nru 1/2019[9] tal-Kumitat Konġunt UE-CTC daħlet fis-seħħ fl-4 ta' Diċembru 2019. Id-Deċiżjoni Nru 1/2019 introduċiet l-isem il-ġdid tar-"Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq" fil-formoli għall-impenji mill-garanti stabbiliti fl-Annessi C1, C2, C4, C5 u C6 tal-Appendiċi III tal-Konvenzjoni, filwaqt li d-Deċiżjoni Nru 2/2018 introduċiet mill-ġdid bi żball l-isem l-antik "l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" fl-Annessi C1, C2 u C4. Għalhekk, jenħtieġ li l-isem il-ġdid ta' "ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq" jerġa' jiddaħħal f'dawk il-formoli.

---

5 ĠU L 317, 14.12.2018, p. 48

6 Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 102

7 Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95, ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23

8 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju (ĠU L 334, 13.10.2020, p. 2)

9 ĠU L 103, 3.4.2020, p. 47

Għaldaqstant jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni huwa emendat kif stipulat fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni.

(2) L-Appendiċi III tal-Konvenzjoni huwa emendat kif stipulat fl-Anness B ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Il-punti 2 u 3 tal-Anness A għandhom japplikaw mit-30 ta' Ġunju 2020.

Il-punti minn 1 sa 4 tal-Anness B għandhom japplikaw mill-jum li r-Renju Unit jaderixxi mal-Konvenzjoni bħala Parti Kontraenti.

Magħmul fi.....

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President

Anness A

L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 50, jiżdiedu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

"3. Meta l-awtorità doganali ta' pajjiż involut f'operazzjoni ta' tranżitu komuni tikseb evidenza, qabel jiskadi l-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 114(2)(a), li l-post fejn ġraw l-avvenimenti li minnhom irriżulta d-dejn doganali hu fit-territorju tagħha, din l-awtorità għandha minnufih u f'kull każ f'dak il-limitu ta' żmien tibgħat talba debitament ġustifikata lill-awtorità doganali tal-pajjiż tat-tluq biex tittrasferixxi r-responsabbiltà biex jinbeda l-irkupru lill-awtorità doganali li tagħmel it-talba.

4. L-awtorità doganali tal-pajjiż tat-tluq għandha tikkonferma li rċeviet it-talba magħmula skont il-paragrafu 3 u għandha tinforma lill-awtorità doganali li tagħmel it-talba, fi żmien 28 jum mid-data ta' meta ntbagħtet it-talba, jekk taqbilx li tilqa' t-talba u tittrasferixxi r-responsabbiltà biex jinbeda l-irkupru lill-awtorità li tagħmel it-talba."

(2) Fl-Artikolu 79:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-perjodu tal-validità ta' ċertifikat ta' garanzija komprensiva jew ta' ċertifikat ta' eżoneru mill-garanzija ma għandux jaqbeż ħames snin. Madankollu, dan il-perjodu jista' jiġi prorogat mill-uffiċċju doganali tal-garanzija għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx ħames snin."

(b) wara l-paragrafu (2) jiżdiedu l-paragrafi (3) u (4):

"3. Meta matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jiġi infurmat li ċ-ċertifikat, bħala riżultat ta' bosta modifiki, ma jkunx jista' jinqara b'mod suffiċjenti u jista' jiġi miċħud mill-uffiċċju doganali tat-tluq, l-uffiċċju doganali tal-garanzija għandu jinvalida ċ-ċertifikat u joħroġ wieħed ġdid, jekk ikun xieraq.

4. Iċ-ċertifikati b'perjodu ta' validità ta' sentejn għandhom jibqgħu validi. Il-perjodu ta' validità tagħhom jista' jiġi prorogat mill-uffiċċju doganali ta' garanzija għal perjodu ieħor li ma jkunx jaqbeż ħames snin.

(3) Fl-Anness II, Kapitolu III, il-Punt 19.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19.3 Il-perjodu tal-validità ta' ċertifikat ta' garanzija komprensiva jew ta' ċertifikat ta' eżoneru mill-garanzija ma għandux jaqbeż ħames snin. Madankollu, dan il-perjodu jista' jiġi prorogat mill-uffiċċju doganali tal-garanzija għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx ħames snin.

Meta matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat, l-uffiċċju doganali tal-garanzija jiġi infurmat li ċ-ċertifikat, bħala riżultat ta' bosta modifiki, ma jkunx jista' jinqara b'mod suffiċjenti u jista' jiġi miċħud mill-uffiċċju doganali tat-tluq, l-uffiċċju doganali tal-garanzija għandu jinvalida ċ-ċertifikat u joħroġ wieħed ġdid, jekk ikun xieraq.

Iċ-ċertifikati b'perjodu ta' validità ta' sentejn għandhom jibqgħu validi. Il-perjodu ta' validità tagħhom jista' jiġi prorogat mill-uffiċċju doganali ta' garanzija għal perjodu ieħor li ma jkunx jaqbeż ħames snin."

Anness B

L-Appendiċi III tal-Konvenzjoni huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness A1, it-Titolu II, il-Kapitolu II, il-punt B dwar id-Dettalji dwar id-*data* tad-dikjarazzjoni ta' tranżitu, punt bulit "REFERENZA TA' GARANZIJA", it-test "(il-kodiċi tal-pajjiż ISO alpha-2)" fil-Kontenut ta' Kamp 2 huwa sostitwit b'dan:

"(il-kodiċi tal-pajjiż ippreżentat fl-Anness A2)".

(2) Fl-Anness A2, il-punt 1, tiżdied is-sentenza segwenti:

'XI tintuża għall-Irlanda ta' Fuq.".

(3) Fl-Anness A4, il-punt 1, it-test "(il-kodiċi tal-pajjiż ISO alpha-2)" fil-Kontenut ta' Kamp 2 jinbidel b'dan li ġej:

"(il-kodiċi tal-pajjiż ippreżentat fl-Anness A2)".

(4) Fl-Anness B1, il-Kaxxa 51 hija emendata kif ġej:

(a) it-test "GB ir-Renju Unit' huwa sostitwit b'dan:

"GB ir-Renju Unit (eskluża l-Irlanda ta' Fuq)";

(b) tiżdied l-entrata li ġejja fil-lista:

"XI l-Irlanda ta' Fuq".

(5) L-Anness C1, il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) it-test "l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" huwa sostitwit bit-test "ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq";

(b) nota tal-aħħar 3a tiżdied mat-test "ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[3]" qabel in-nota tal-aħħar 3 li tinkludi t-test li ġej:

"Skont il-*Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika*, l-Irlanda ta' Fuq għandha titqies bħala parti mill-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' din il-garanzija. Għalhekk, garanti stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea għandu jindika indirizz għan-notifika jew jaħtar aġent fl-Irlanda ta' Fuq jekk il-garanzija tista' tintuża hemmhekk. Madankollu, jekk garanzija, fil-kuntest ta' tranżitu komuni, issir valida fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit, indirizz uniku għan-notifika jew aġent maħtur fir-Renju Unit jista' jkopri l-partijiet kollha tar-Renju Unit, inkluża l-Irlanda ta' Fuq.".

(6) L-Anness C2, il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) it-test "l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" huwa sostitwit bit-test "ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq";

(b) tiżdied nota tal-aħħar 2a mat-test "ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq" li tinkludi t-test li ġej:

"Skont il-*Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika*, l-Irlanda ta' Fuq għandha titqies bħala parti mill-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' din il-garanzija. Għalhekk, garanti stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea għandu jindika indirizz għan-notifika jew jaħtar aġent fl-Irlanda ta' Fuq jekk il-garanzija tista' tintuża hemmhekk. Madankollu, jekk garanzija, fil-kuntest ta' tranżitu komuni, issir valida fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit, indirizz uniku għan-notifika jew aġent maħtur fir-Renju Unit jista' jkopri l-partijiet kollha tar-Renju Unit, inkluża l-Irlanda ta' Fuq.".

(7) L-Anness C4, il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) it-test "l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja" huwa sostitwit bit-test "ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq";

(b) nota tal-aħħar 3a tiżdied mat-test "ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[3]" qabel in-nota tal-aħħar 3 li tinkludi t-test li ġej:

"Skont il-*Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika*, l-Irlanda ta' Fuq għandha titqies bħala parti mill-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' din il-garanzija. Għalhekk, garanti stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea għandu jindika indirizz għan-notifika jew jaħtar aġent fl-Irlanda ta' Fuq jekk il-garanzija tista' tintuża hemmhekk. Madankollu, jekk garanzija, fil-kuntest ta' tranżitu komuni, issir valida fl-Unjoni Ewropea u fir-Renju Unit, indirizz uniku għan-notifika jew aġent maħtur fir-Renju Unit jista' jkopri l-partijiet kollha tar-Renju Unit, inkluża l-Irlanda ta' Fuq.".

(8) Fl-Anness C5, ir-ringiela 7 hija emendata kif ġej:

(1) tiżdied nota f'qiegħ il-paġna (**) fit-test "Ir-Renju Unit" li tinkludi t-test li ġej:

(2) "(**) Skont il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, jenħtieġ li l-Irlanda ta' Fuq titqies bħala parti mill-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' din il-garanzija.".

(9) Fl-Anness C6, ir-ringiela 6 hija emendata kif ġej:

(1) tiżdied nota f'qiegħ il-paġna (**) fit-test "Ir-Renju Unit" li tinkludi t-test li ġej:

(2) "(**) Skont il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, jenħtieġ li l-Irlanda ta' Fuq titqies bħala parti mill-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' din il-garanzija. ".